

# L-Emigrazzjoni

**Minn Joseph Abela**

Matul il-ġranet tal-festa numru sabiħ ta' emigranti jżuruna biex iġeddu b'nostalġija l-memorji tal-passat. Huma jerġgħu jingħaqdu mal-familja tagħhom u jkollhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' ħbiebhom. Għalkemm l-istil li bih tiġi ċċelebrata l-festa tagħna nbidel, l-għan reliġjuż u dak ċiviku baqa' konsistenti. Il-funzjoni tat-tliet elementi prinċipali li sawruha; jiġifieri dak religjuż, storiku u tradizzjonali jagħtu lil din il-festa, prestiġu u karatteristika endemika li ġġiegħel lil dawk l-emigranti Sengleani biex minn żmien għall-ieħor iġeddu l-appuntament tagħhom għat-8 ta' Settembru, jew kif kienu jirreferu għalih dari bħala l-*Otto Settembre* – Jum il-Vitorja wieħed mill-Jiem Nazzjonali.

Hija esperjenza xierfa meta jasal il-waqt li individwu jħalli art twelidu biex imantni l-familja f'post estran għaliex jinqata' minn dak kollu li jagħmlu Malti. Min-naħa l-oħra, l-familjari li jaraw lil qrabathom jimbarkaw fuq il-vapuri mballati bil-Maltin u li bil-qajla kienu jitbiegħdu minnhom kienu wkoll iħossu d-dieqa kiefra tal-firda. B'mod l-aktar naturali l-ħsibijiet jeħduk lejn il-passat u jġegħluk tirriflletti dwar l-emigrazzjoni bikrija u għaldaqshekk l-esplorazzjoni ta' dan il-fenominu rikurrenti jqanqal interess u kurżità.

Sa minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann ħafna Maltin u Għawdxin kienu emigraw biex jaħdmu ma' sidien barranin. Peress li l-Maltin kienu u għadhom magħrufa bħala baħħara mill-iprem, bosta minnhom kienu sabu impieg mal-flotta tal-istess Ordni u għalhekk kienu jkunu assenti minn darhom għal bosta gimgħat jew saħansitra xhur.

Waħda mid-definizzjonijiet ta' emigrazzjoni hija meta massa ta' nies iħallu post biex imorru joqogħdu f'ieħor. Għaldaqstant mal-kategorija tal-ewwel, nistgħu nżidu u nsemmu lil dawk il-mijiet kbar li nqabdu lsiera mill-għadu tar-Reliġjon.

Matul il-ħakma tal-Ordni repetutament u partikularment fis-seklu sittax l-imriekeb tal-baħar tal-Musulmani kienu jinvaduna u jkaxkru magħhom kull ma' kien jiġi għal idejhom. Fl-1551 il-furbani kienu kważi żarmaw lil Għawdex mill-popolazzjoni tiegħu għaliex ħadu fil-jasar anki lit-tfal u lin-nisa. Il-furban ta' fama *Draguth Rais* li kien ikexkex lil min ixellef difru miegħu kellu mibegħda kbira lejn l-Għawdin għaliex ħuh kien inqatel hemmhekk fl-invażjoni tal-1544. B' konsegwenza ta' dan l-inċident *Draguth Rais* kien għamel l-almu tiegħu biex jivvendika ruħu mill-Għawdxin.

F' dawk iż-żminijiet waqt il-ġlied fuq il-baħar bejn bastiment u ieħor, min kien jitlef kien jittieħed bħala priġunier tal-gwerra. Il-maqbuda kienu jħallsu qares għaliex ġeneralment kienu jaħdmu bħala qaddiefa kkatenati fuq ix-xwieni ta' min ikun ħatafhom. Okkażjonalment xi lsiera kien jiġihom iċ-ċans li jaħirbu u oħrajn, kemm Maltin jew kavallieri, kienu jinfdew mill-jasar permezz ta' somom ta' flus jew billi jitpartu ma' lsiera Musulmani li kienu f' idejn l-Ordni.

Il-Maltin sa tmiem is-seklu dsatax kienu jemigraw lejn il-pajjiżi tal-Mediterran ħlief għal xi ftit aktar avventurużi li kienu jimirħu f'pajjiżi aktar 'il bogħod bħal per eżempju l-Kanada u l-Awstralja. Kull meta tfaqqa' xi kriżi l-emigrazzjoni tal-massa kienet terġa' taqbad ir-ritmu għaliex kienet tkun l-unika soluzzjoni li ttaffi l-piżijiet finanzjarji kemm tal-istat kif ukoll ta' dawk il-mijiet li kienu jisfaw bla xogħol.

Lejn nofs is-seklu dsatax l-ekonomija lokali kull ma tmur bdiet aktar isserraħ fuq l-infiq tal-Ammiraljat u għalhekk beda' jseħħ ċaqliq fl-impiegi. Din l-espansjoni tat lok għall-attività kummerċjali li minnha bbenefikaw ħafna negozji u ħwienet ta' kull ġeneru li gradwalment ġew stabbiliti ġewwa l-Isla.

It-Tarzna tal-Ammiraljat bdiet tespandi b'ritmu mgħaġġel kemm fis-servizzi li kienet toffri lill-flotta kif ukoll fit-territorju u b' riżultat ta' hekk żdiedu l-impiegi.

Biex kibret it-tarzna navali kellhom jiġu ssagrifikati t-tarznari privati tal-Maltin li kienu jinsabu taħt is-swar tal-Isla u taħt l-Għolja

ta' Kordin. It-tarznari Maltin kienu joffru xogħol għal mijiet ta' ħaddiema bi snajja' speċjalizzati u barra minn hekk ġew affettwati numru kbir ta' negozji żgħar li kienu jaħdmu prodotti rikjesti minn dawn it-tarznari.

Matul id-diversi fażijiet tal-estensjoni tat-tarzna navali bdew jiżżarmaw it-tarznari privati li għal żmien twil ipproduċew mijiet ta' bastimenti ta' diversi daqs u għamla. It-tarznari Maltin kienu jagħmlu xogħol ta' kwalità tajba għaliex is-sidien barranin kienu jordnaw il-bastimenti tagħhom f' dawn it-tarznari Maltin.

B' konsegwenza ta' hekk, maġġoranza ta' ħaddiema li spiċċaw bla xogħol flimkien ma' numru ta' sidien, għażlu li jemigraw lejn Lixandra. Dawn l-emigranti baqgħu fuq l-istess linja ta' xogħol u f' qasir żmien ħasslu reputazzjoni tajba kemm għalihom kif ukoll għall-pajjiżhom. Illum il-ġurnata għad baqa' jgħixu fl-Ixandra d-dixxendenti ta' dawk il-ħaddiema li kienu emigraw hemm mal-mitejn sena ilu. Dawn l-emigranti nirreferu għalihom bħala l-Maltin ta' Lixandra.

Kien lejn il-bidu tas-seklu għoxrin, meta bosta emigranti Maltin bdew jagħżlu pajjiżi li kienu jużaw il-lingwa Ingliża. Dan għaliex f' dawk iż-żminijiet niesna kienu saru familjari ma' din il-lingwa peress li Malta kienet kolonja tal-Ingilterra. Għalhekk ma baqgħetx aktar problema biex issir il-komunikazzjoni permezz tal-lingwa Ingliża f' dawk il-postijiet. L-istatistika tindika li hemm aktar Maltin jgħixu barra minn Malta milli għixu hawn.

L-ewwel Malti li rifes fl-Awstralja propju f' Sydney kien Felice Pace fl-1810. Huwa kien ħabsi u wasal hemm ma' grupp ta' ħabsin oħra Ingliżi u Irlandiżi. Fl-1838 Antonio Azzopardi li kellu kondotta nadifa kien l-ewwel Malti li ssetilja fl-Awstralja skont proċeduri normali. Fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu reġistrati 248 Malti, u bejn l-1911 u l-1919 emigraw 2000 Malti lejn dak il-pajjiż.

L-aktar mument ta' tbatija għall-emigranti Maltin kien fl-1920 meta dawn ġew diskriminati bl-aħrax. Il-Gvern Awstraljan ma' ħalliehomx jaħdmu mal-*Australian Railways* u l-ironija kienet li l-maġġoranza tagħhom kienu ġġieldu fl-Ewwel Gwerra Mondjali. Dawk il-Maltin sofrew ġuħ, tbatija u umiljazzjoni minkejja li ħafna minnhom kienu nies tas-sengħa. Il-Prim Ministru tal-Awstralja tas-Sud ma għenhomx u qieshom bħala '*uninvited emigrants*'.

Dawn l-imsejkna kellhom joqogħdu fit-tined u kienu jaqilgħu xi ħaġa tal-flus billi jbigħu l-ħaxix u l-frott. Oħrajn ta' qalb tajba ppruvaw jintervjenu mal-Gvern biex ibiddel l-attitudni tiegħu ma' dawk il-Maltin iżda kien kollu għalxejn uħud



L-Istatwa ta' Marija Bambina ħierġa mill-knisja ta' Greystanes fl-Awstralja.



Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina fi Greystanes fl-Awstralja. Ma' l-arblu tan-naħa tal-lemin tidher l-arma tal-Isla.



Disinn tal-knisja ta' Greystanes.

minnhom irritornaw u oħrajn sabu xogħol ta' kafkaf.

L-emigrazzjoni lejn l-Awstralja splodiet wara tmiem it-Tieni Gwerra Mondjali għaliex l-Ammiraljat beda' jnaqqas drastikament il-Flotta tal-Mediterran u għalhekk it-tarzna, li kienet tħaddem il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema, bilfors riedet tonqos relattivament. Il-pajjiż kellu popolazzjoni kbira, il-qgħad żdied u biex tgħaqqad il-pożizzjoni finanzjarja kienet ħażina ħafna. Għalhekk l-awtoritajiet issussidjaw lil dawk li riedu jsiefru biex isibu futur aħjar f' postijiet fejn il-prospetti offruti kienu ferm aħjar.

Mal-medda taż-żmien il-Maltin fl-Awstralja sawru djalett magħruf bħala 'Maltraljan'. L-evoluzzjoni u l-iżvolġiment tal-lingwa Maltija f' art daqstant 'il bogħod saret b' mod divers minn dik lokali għax iċ-ċirkostanzi u l-influwenzi ma kienux l-istess. Għalkemm l-emigrant dejjem għożż ilsien art twelidu għaliex baqa' jużah madankollu ħtieġlu li jikkomunika bl-Ingliż waqt ħidmietu u ma' dawk li ma kienux jafu l-Malti, għalhekk fl-użu taż-żewġ lingwi simultanjament nibet il-Maltraljan.

L-emigranti Maltin żammew kemmsetgħuħafnamit-tradizzjonijiet tal-lokal u rnexxielhom jgħadduhom lid-dixxendenti tagħhom. Fosthom il-festi bl-laqta Maltija għaliex barra mill-funzjonijiet tal-knisja jsiru wkoll il-festi esterni bil-vara tat-titular. Uħud mill-vari nħadmu minn artisiti Maltin f'Malta u Għawdex. Fost l-oħrajn fi New South Wales ġewwa s-subborg ta' Greystanes għal dawn l-aħħar tnejn u erbgħin sena bdiet tiġi ċċelebrata l-festa ta' Maria Bambina. Qassis Malti Dun Ronald Darmania ħadem bla heda biex tinbena' knisja hemmhekk u fl-1975 il-Kardinal James Freeman poġġa l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Din hija waħda mill-eqdem festi u l-Maltin ta' NSW jattendu bi-ħġarhom għaliha. F' Melbourne wkoll tiġi ċċelebrata bil-kbir il-festa ta' Maria Bambina li tkun organizzata mir-*Reskeon Maltese* u s-*Seniors Group* ta' din l-assoċjazzjoni bil-parteċipazzjoni tal-MSSP, is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Naturalment tipparteċipa l-banda li ddoqq marċi allegri l-istess kif isir fil-festi tal-ibliet u l-irħula tagħna. Dun Darmania rsista wkoll biex fi Greystanes tiġi organizzata banda u din kellha tkun komposta minn bandisti Maltin. Wara ħidma intensiva fl-1976 ġiet iffurmata l-banda bl-isem ta' *Our Lady Queen of Peace* li kienet taħt it-treġija tas-surmast Joseph Darmanin. Din kienet l-ewwel banda li ssawret fl-Awstralja u bdiet bis-sehem ta' sitt bandisti u bil-mod l-għadd tagħhom beda jiżdied. Fost baned oħrajn li nsibu ġewwa l-Awstralja hemm il-*Maltese Own* li ġiet fis-seħħ fl-1977, il-*Queen of Victories* fl-1981 u s-*St. Albans Melita* fl-1984.

Għalkemm 'il bogħod minn art twelidu l-emigrant xorta baqa' jgħożż u jħaddan il-kultura Maltija. Il-festa hija mezz li tiġbed fostna lil mijiet ta' emigranti Sengleani biex flimkien magħna jonoraw u jiċċelebraw din il-festa tant għażiża għalina s-Sengleani.

**Referenzi:**
Scicluna Frank L. - A Brief History of the Maltese Community in South Australia.
The Maltese Herald, diversi edizzjonijiet.

## Rigal lil Ommna Marija Bambina f'Jum it-Twelid TagħHa (8 ta' Settembru)

Għid ir-Rużarju jew xi talba Marjana, jew inkella għamel xi ħaġa speċjali li tkun togħġob lill-Imqaddsa Verġni Marija; bħala rigal fil-ġurnata tat-twelid tagħHa. Dawn ikunu bħala ringrazzjament għal dak kollu li hija wettqet għall-umanità, b'riparazzjoni għad-dulur li kkaġunajna lill-Qalb Imqaddsa tagħHa meta nqasna lill-Iben Divin tagħHa.

**LESTER GYPSUM**
by Allister Attard

- Flat Ceiling
- Tile Soffits
- Bulkheads
- Covings
- Partitions
- Wall Lining
- Parquet & Painting

Tel/Fax: 2766 3832
Mobile: 9920 4786
Mobile: 9949 0422
Email: lester@onvol.net

